# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MILL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST. S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Rikors Nru. 28/99**

**Josette Pisani**

**vs**

**Mario u Molly Dingli u ghall-interess li ghandu bhala intruz, in-Nutar Michel Dingli, LL.D.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**<u>Ir-rikors promotorju</u>**

1. B'rikorsipprezentat mir-rikorrenti fil-Bord li Jirregola l-Kera fil-25 ta' Frar, 1999, ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi hija tikri lill-intimati Mario u Molly Dingli l-garage 10, Marina Street, Sliema, bil-kera ta' Lm150 fis-sena, pagabbli kull sena bil-quddiem bl-iskadenza fl-10 ta'

Ottubru; illi l-imsemmija intimati mhux qed juzaw il-garage skond id-destinazzjoni tieghu tant li meta l-kera giet depozitata l-Qorti jinghad li l-garage huwa adebit bhala store; illi jidher ukoll li dan il-garage gie cedut jew sullokat lill-intimat Nutar Michel Dingli minghajr il-kunsens tas-sid, tant li l-kera giet depozitata minnu; illi inoltre r-rikorrenti ghandha bzonn dan il-garage biex tkun tista' ddahhal il-karozza taghha fih; talbet illi l-istess Bord joghgbu jawtorizzaha sabiex tirriprendi l-pussess battal ta' l-imsemmi garage tas-Sliema fi tmiem r-rilokazzjoni korrenti, u ghaldaqstant jordna l-izgumbrament ta' l-intimati mill-imsemmi fond.

**L-eccezzjonijiet ta' l-intimati**

2. L-intimati Mario u Molly konjugi Dingli eccepew illi huma m'humiex il-legittimi kontradditturi tar-rikorrent stante illi huma m'humiex l-inkwilini tal-garage 10, Marina Street, Sliema, skond kif allegat fir-rikors u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, fil-meritu, it-talbiet rikorrenti huma ghal kollox infondati sew fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti mill-Bord bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti u dana ghaliex l-intimati Mario u Molly Dingli ma bidlux id-destinazzjoni tal-fond skond il-ligi.

3. B'risposta ipprezentata mill-intimat Nutar Michel Dingli, dan l-intimat eccepixxa illi preliminarjament il-kirja tappartjeni lill-komunjoni ta'

l-akkwisti ezistenti bejn ir-rikorrenti u zewgha Maurice Pisani u kwindi l-applikazzjoni hija monka fis-sens li jmissha saret konguntament bejn il-konjugi; illi minghajr pregudizzju ghall-premess ir-rikorrenti qatt ma kriet il-fond de quo lil Mario u Molly Dingli u kwindi dawn qatt ma ssullokaw jew b'xi mod iehor ittrasferew il-kirja lill-intimat Michel Dingli ghax qatt ma kienu inkwilini, izda l-kirja saret direttament lill-intimat; illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-fond de quo, ghalkemm fizikament jista’ jigi deskritt bhala remissa, qatt ma nkera bhala garage ghall-iggaraxxjar ta’ karozzi izda bhala store ghall-magazzinagg ta’ merkanzija. Tant hu hekk illi l-fond de quo jikkonsisti f’kamra mal-livell tat-triq u kamra ohra fuqha accessibbli permezz ta’ sellum; illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjoni tal-bzonn personali ma hiex verosimili; illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f’kull kaz, it-talba ghall-izgumbrament m’ghandhiex tintlaqa’ ghax ma hemm l-ebda bazi fil-fatt u fid-dritt u li l-intimat Michel Dingli huwa dispost li jkompli fl-istess kirja taht l-istess pattijiet u kondizzjonijiet kif pattwiti.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

4. B’sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-4 ta’ Dicembru, 2000, il-Bord wara li cahad l-eccezzjonijiet imsemmija, billi r-rikorrenti ppruvat li kien hemm bdil fid-destinazzjoni tal-fond (u ghalhekk m’hemmx ghalfejn jidhol fil-kawzali l-ohra) awtorizza lir-rikorrenti

tirriprendi pussess tal-fond/garage numru 10, Marina Street, Sliema; u ghall-fini ta' l-izgumbrament ipprefigga t-terminu ta' xahar millum. L-ispejjez jithallsu mill-intimati u mill-intruz fil-kawza in solidum.

**L-appell ta' l-intimati**

5. L-intimati hassew ruhhom aggravati bl-imsemmija sentenza u interponew appell minnha lil dina l-Qorti fuq l-aggravju li l-Bord li Jirregola l-Kera kien imissu laqa' u mhux cahad l-eccezzjonijiet taghhom, u konsegwentement kien imissu cahad u mhux laqa' t-talba tar-rikorrenti ghar-ripresa tal-pussess tal-fond; u dan sew ghar-ragunijiet moghtija aktar il quddiem, kif ukoll kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' l-appell.

Difatti, il-Bord li Jirregola l-Kera wera ruhu manifestament ippregudikat kontra l-esponenti u dan jirrizulta bl-aktar mod car sew bl-agir irritu tieghu fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2000, f'liema seduta kien ippermetta lid-difensur tar-rikorrenti sabiex jittratta l-kawza unilateralment meta dan ma kienx l-iskop ta' l-istess seduta' sew fid-digriet sussegwenti moghti fl-4 ta' Lulju, 2000 li permezz tieghu cahad talba maghmula mill-esponenti sabiex huma jkunu jistghu jaghmlu ukoll it-trattazzjoni taghhom; kif ukoll minn certi teminologija adottata fis-sentenza appellata tieghu li certament m'hemmx lokha f'sentenza ta' Qorti;

Illi l-Bord li Jirregola l-Kera naqas serjament milli jaghmel apprezzament serju, oggettiv u korrett tal-provi mressqa quddiemu.

Ibda biex, il-Bord naqas milli japprezza illi ghalkemm mhux kontradett illi l-kirja giet negozjata bejn ir-rikorrenti appellata u l-intimata appellanti Molly Dingli, dana kien sar da parti mill-intimata appellanti Molly Dingli ghan-nom u fl-interess tat-tifel taghha l-intimat appellant Michel (illum Nutar) Dingli. Anzi kienet l-istess rikorrenti appellata illi kienet avvicinat lill-intimata appellanti Molly Dingli b'dina l-proposta u dana stante illi kienet taf ben tajjeb illi l-istess intimat Nutar Michel Dingli kien qieghed ifittex post biex jahzen fih xi merkanzija illi sa dakinhar kienet qed tinhazen fl-istess residenza ta' l-intimati appellanti Mario u Moly Dingli.

Mela l-legittimu kontradittur tar-rikorrenti appellat kien l-intimat Nutar Michel Dingli, u fix-xhieda taghha stess ir-rikorrenti appellata tirrikonoxxi almenu illi l-uzu tal-fond kien destinat li jsir mit-tfal ta' l-intimati appellanti Mario u Molly Dingli. Fi kliemha stess: "Meta gie jarah is-Sur Mario Dingli, qalli li l-garage kien tajjeb ghat-tfal tieghu". Bir-rispett kollu, din l-ammissjoni da parti tar-rikorrenti appellata kellha tinghata ferm izjed piz, u turi wkoll kif l-intimat appellant Mario Dingli ma kien qed iqarraq xejn! (ara t-trattament fuq dan il-punt aktar 'il quddiem). Kellha tinghata wkoll izjed piz mhux biss fir-rigward tal-punt dwar min huma l-

legittimi kontraditturi tar-rikorrenti appellata, izda wkoll fir-rigward tad-destinazzjoni kummercjali tal-fond.

Illi x-xhieda bl-affidavit ta' l-intimata appellanti Molly Dingli f'dan ir-rigward, liema xhieda hija l-aktar saljenti stante l-involviment dirett u personali taghha fil-konfront tar-rikorrenti appellata, hija cara u inekwivoka u din ix-xhieda mhux talli ma giet bl-ebda mod kontradetta, izda talli kellu jinghata piz ukoll ghall-fatt illi r-rikorrenti appellata ghazlet illi ma taghmilx il-kontro-ezami ta' l-istess intimata appellanti fir-rigward ta' l-imsemmi affidavit taghha;

Illi x-xhieda ta' l-intimata appellanti Molly Dingli hija mbaghad kolloborata sewwa mix-xhieda ta' l-intimat appellant Mario Dingli. Illi mistoqsi dwar l-inizjali "M' illi tidher fl-ircevuti tal-kera, is-sustanza tar-risposta tax-xhud ghal min irid ikun oggettiv hija carament fis-sens illi tali inizjali "M" zgur illi ma tirreferix ghalih u ghal martu l-intimata appellanti Molly Dingli, u dana b'kull rispett ghall-eccezzjoni preliminari minnhom sollevata fis-sens illi huma ma humiex il-legittimi kontraditturi tar-rikorrenti appellata stante illi huma ma humiex l-inkwilini tal-fond, kif fil-fatt l-istess xhud jaghmilha cara illi qatt ma kienu.

Illi ghalhekk ir-rimarki pjuttost aggressivi tal-Bord testwalment fil-kliem “L-intimat mhux bniedem li jrid ilahhaq imma bniedem li jrid iqarraq b’kulhadd” zgur illi ma kellhom isibu l-ebda post fis-sentenza appellata.

Illi ghalkemm il-Bord stqarr illi kien wasal ghall-konkluzzjoni li l-kirja saret lill-intimati Mario u Molly Dingli li huma l-ligittimi kontradditturi, tant illi cahad l-eccezzjonjiet moghtija fuq dan il-punt, l-istess Bord pero’ ma ta l-ebda raguni jew motivazzjoni ghal tali konkluzzjoni. Illi anke jekk l-istess Bord ma kienx kapaci jizen sewwa u fil-kuntest proprju tieghu x-xhieda ta’ l-intimat appellant Mario Dingli, u allura jidher illi kien ibbaza l-konkluzzjoni tieghu fir-rigward tal-legittimi kontradditturi tar-rikorrenti appellata fuq l-iskartament tax-xhieda ta’ Mario Dingli, jigi osservat umilment illi xorta wahda kellu quddiemu ‘l fuq riferit affidavit ta’ l-intimata appellanti Molly Dingli.

Illi a skans ta’ ripetizzjoni inutili, l-appellanti jixtiequ jaghmlu pjena riferenza ghan-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom ipprezentata fit-18 ta’ Lulju, 2000 – ghal liema sotomissjonjiet lanqas biss ‘tanto per’ ma saret xi riferenza jew accenn fis-sentenza appellata – u dana sew fir-rigward tal-punt dwar il-legittimi kuntradditturi tar-rikorrenti appellata kif ukoll fir-rigward tal-punt dwar l-allegat bdil ta’ uzu.

Illi l-Bord lanqas biss ta kaz ghall-fatt illi l-intimati appellanti Mario u Molly konjugi  Dingli ma kellhomx karozza u kienu jirrisjedu distanza konsiderevoli mill-fond; kif lanqas ma ta kaz ghall-fatt illi dak iz-zmien l-intimat Michel Dingli kien ghadu guvni u kien ghadu residenti ma' l-istess genituri tieghu.  Ghalhekk it-tezi rikorrenti fis-sens illi l-fond kien inkera ghal semplici 'garage' hija manifestament insostenibbli u inverosimili.  Mhux hekk biss, izda talli l-konfigurazzjoni tal-fond mikri huwa tassew addattat ghall-maggazinagg tenut kont specjalment il-kamra ta' fuq fejn zgur illi wiehed ma jistax idahhal il-karozzi!

Ghalhekk ma kien hemm l-ebda tibdil fid-destinazzjoni tal-fond, billi l-istess fond dejjem intuza ghall-istes skop kummercjali li ghalih kien gie ofrut mir-rikorrenti appellata stess u accettat mill-intimat appellant Nutar Michel Dingli tramite l-genituri tieghu illi kienu agixxew bhala intermedjarji f'din l-affari in vista tal-hbiberija intima taghhom ta' dak iz-zmien mar-rikorrenti appellata Josette Pisani.

Ghaldaqstant l-appellanti intimati talbu li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-4 ta' Dicembru, 2000 fil-kawza fl-ismijiet premessi u tipprovdi minflok illi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess esponenti  tichad it-talba rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**<u>Ir-risposta tar-rikorrenti ghal-appell interpost mill-intimati</u>**

6. L-appellata wiegbet hekk:-

(i) Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. Illi l-Bord li Jirregola l-Kera ghamel apprezzament tajjeb tal-fatti tal-kaz kif gew imressqa quddiemu; huwa semgha lix-xhieda viva voce u seta' zgur japprezza l-komportament ta' kull xhud fil-pedana tax-xhieda u kwindi kull kumment li ghamel il-Bord dwar il-kredibilita' o meno tax-xhieda trid tinghata il-piz li jisthoqqilha.

(ii) Ghar-rigward ta' dak li gara fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2000, jigi rilevat li filwaqt li hu veru li f'dik is-seduta kellu jigi dikjarat kienx se jsir il-kontro-ezami tas-Sinjura Dingli da parti tar-rikorrenti, ma jfissirx li dak biss kellu jsir. Jekk, kif fil-fatt sar, ir-rikorrenti iddikjarat li ma riedetx taghmel kontro-ezami, il-Bord kellu jghaddi ghall-pass li jmiss, u cioe', ghat-trattazzjoni tal-kawza. Jekk l-intimati u d-difensuri taghhom ghogobhom ma jidhrux ghas-seduta, imputat sibi. Fuq kollox, ma sofrew ebda pregudizzju ghax l-intimati talbu u nghataw il-fakolta' li jressqu Nota ta' l-Osservazzjonijiet u, kwindi, il-posizzjoni taghhom giet debitament spjegata lill-Bord.

(iii) Il-fatti tal-kaz gew evalwati mill-Bord b'mod dettaljat fid-dawl ta' l-apprezzament li ghamel tax-xhieda kif prodotti quddiemu. Kien jirrizulta car mill-assiem tal-provi li r-rikorrenti kriet il-fond lill-konjugi Dingli, u mhux lil xi hadd minn uliedhom, u krietu bhala garage. Kien hawn li l-intimati ppruvaw iqarrqu, ghax bdew johorgu l-ircevuti bhala "M. Dingli" u dan meta kull membru tal-familja taghhom ghandu ismu jibda bl-ittra M, u dan sar ghal ta' l-apposta biex, kif qal is-Sur Mario Dingli, ikopri lil kull wiehed minnhom skond il-bzonn! In-negozjati, pero', dejjem saru mas-Sinjura Dingli u qatt ma kien hemm il-hsieb li l-fond jinkera bhala store. Fil-fatt, dan, indirettament, jikkonfermah l-intimat Nutar Michel Dingli stess ghax, wara hafna snin li kienet bdiet il-kirja, biddel minn rajh l-ircevuta biex minn "garage" jaghmilha "garage/store". Meta l-esponenti indunat b'dan, mill-ewwel ipprotestat u talbet li l-ircevuta tithalla kif kienet, u cioe', ta' garage biss. Dan l-incident jindika li qatt ma kien hemm l-idea li dan il-fond jinkera bhala store.

(iv) L-intimati ppruvaw jargumentaw li l-fond ma stghax inkera bhala garage, ghax il-konjugi Dingli, dak iz-zmien, ma kellhomx karozza, u ghax kemm kamra ohra fuq il-fond li zgur ma setghax tintuza minn karozzi. Dawn l-argumenti, bir-rispett kollu, ma jregux, ghax hafna drabi wiehed li jkollu hsieb jixtri karozza jikri garage kif tigih l-opportunita'. Lanqas ma hu barra minn loku li persuna tikri garage u, sakemm takkwista karozza hi, tippermetti lil xi hadd minn uliedha li

jdahhal il-karozza tieghu fih. Din ic-cirkostanza (li l-konjugi Dingli ma kellhomx karozza), ghalhekk, ma tista' tfisser xejn, aktar u aktar meta, kif qalet l-esponenti, il-fond dejjem bhala garage intuza u ghal dak l-iskop riedet tikrih. Inoltre, is-suppost "kamra" fil-fond, mhux kamra izda biss raff li hafna drabi jkun hemm f'garage biex dak li jkun ipoggi xi parts jew imbarazz li soltu wiehed isib f'garage.

(v) Ghall-bqija l-appellata taghmel riferenza ghan-Nota ta' l-Oservazzjonijiet minnha pprezentata quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fil-25 ta' Lulju, 2000, fejn hemm elenkati s-sottomissjonijiet taghha dwar il-fatti tal-kaz.

Ghalhekk, l-appell interpost mill-intimati ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**<u>Is-sentenza ta' din il-Qorti</u>**

7. L-aggravju ta' l-appellanti intimati hu li l-Bord li Jirregola l-Kera fis-sentenza li ta, mertu ta' dana l-appell, mhux biss wara certi pregudizzju barra minn loku kontra taghhom, imma fuq kollox "naqas serjament milli jaghmel apprezzament serju, oggettiv u korrett tal-provi imressqa quddiemu".

8. Din il-Qorti tibda billi tirrileva ghal darb'ohra illi hija prassi ormai ben stabbilita ta' din il-Qorti li kwantu ghal dak li jikkoncerna l-evalwazzjoni u apprezzament ta' provi ta' fatt, hija kemm jista' jkun ma tiddisturbax l-istess apprezzament sakemm ma jkunx hemm raguni jew ragunijiet serji u gravi li jiddettaw u juru diversament. Dan maghdud, din il-Qorti tibqa' dejjem fid-dmir li tezamina mill-gdid il-provi kollha mressqa quddiem dak it-Tribunal.

9. L-ewwel aggravju jikkoncerna l-eccezzjoni dwar min hu proprjament il-legittimu kontradittur f'din il-procedura bhala intimjat jew intimati. Fi kliem iehor, proprjament min kien l-inkwilin tal-fond lokat, 10, Marina Street, Sliema, proprjeta' ta' l-appellat Josette Pisani? Kienu l-konjugi Mario u Molly Dingli jew binhom in-Nutar Michael Dingli? L-appellata xehdet kategorikament li l-lokazzjoni saret lill-konjugi Dingli, mentri l-appellanti jsostnu li kwalsiasi intervent da parti taghhom sar f'isem binhom, in-nutar Michael Dingli, u li ghalhekk huma kellhom jgu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

10. Din il-Qorti tosserva li fit-trattativi inizjali li, in segwitu, waslu ghall-ftehim ta' lokazzjoni, dawn gew kondotti kwazi esklussivament bejn l-appellata Pisani u l-appellanti Molly Dingli. Li jirrizulta kjarament huwa li sa dakinhar in-Nutar Michael Dingli, iben il-konjugi Dingli, ma kien dahal qatt. Lanqas ma jirrizulta li l-kirja kienet qeghda ssir f'ismu. L-isem "M.

Dingli" fuq il-ktieb tar-ricevuti jew fuq ir-ricevuti singoli huwa ghal kollox newtru – specjalment ikkunsidrat il-fatti li t-tlett appellanti ghadhom isimhom jibda bl-ittra "M" – u cioe' Molly, Mario u Michael. Mix-xhieda moghtija mill-appellant Mario Dingli dan donnu ried jaghti l-impressjoni li ghalih "M. Dingli" setghet tittiehed bhala li tikkomprendi ftehim ta' kirja li kien jestendi l-inkwilinat lil kull membru tal-familja tieghu li ismu kien jibda bl-ittra 'M' – u wiehed irid jinnota hawn ukoll li dawna l-ircevuti kienu jinkitbu min-naha ta' Dingli, bl-appellata kemm tpoggi l-firma taghha fuqhom biex tikkonferma li sar il-pagament ta' l-iskadenza tal-kera. Il-kumment tal-Bord kien dak li sakemm ix-xhud appellant Mario Dingli ma riedx jghaddi l-Bord biz-zmien, allura dak li hu xehed kien jimplika qerq. L-intimat appellant xehed hekk dwar is-sinjifikat ta' l-ittra u l-isem "M. Dingli" riportati fuq l-ircevuti u ghall-mistoqsija tal-Bord jekk dan l-isem kienx jghodd ghal izjed minn persuna wahda:-

> "Kollha kemm huma, M. Dingli. Minbarra jien u l-mara s'intendi, ghax jien u l-mara m'ghandniex x'naqsmu".

Il-fatt li effettivament il-flus dovuti bhala kera kien johroghom Michael Dingli ma hux bizzejjed biex juri li hu kien il-veru inkwilin. Anzi, ghal snin twal jidher li dawn il-hlasijiet kienu jitwasslu ghand is-sid mill-intimat Mario Dingli. Il-fatt l-iehor, imbaghad, li jissemma' fir-rikors ta' appell, li l-appellant Mario Dingli kien esprima ruhu fis-sens li l-garaxx "kien tajjeb ghat-tfal tieghu" ma kienx bilfors ifisser li allura l-kirja saret ma' uliedu, u

mhux mieghu. Minbarra s-suespost, ix-xhieda moghtija mill-appellata hija ferm izjed attendibbli u din spjegat kjarament li l-garage taghha gie mitlub ghall-fini ta' lokazzjoni mill-konjugi Dingli, u qatt minn uliedhom u li l-ftehim relattiv sar maghhom, u maghhom biss. Il-hlas tal-kera wkoll kien isir mill-konjugi Dingli. Meta deher ghall-ewwel darba fix-xena n-nutar Michael Dingli dan kien meta fuq l-ircevuta redatta minnu ghall-ewwel darba mal-kelma "garage" giet mizjuda wkoll il-kelma "store". Xi htiega kien hemm ghal din iz-zieda unilaterali? Illi l-provi akkwiziti juru li l-inkwilini veri u proprji kienu l-konjugi Molly u Mario Dingli u mhux uliedhom u li, konsegwentement, din il-parti ta' l-aggravju ma hijiex fondata u qeghda tigi respinta.

11. Illi hemm imbaghad l-aggravju dwar jekk sehhx jew le bdil fid-destinazzjoni tal-fond lokat minn wiehed ghal uzu ta' garaxx ghal wiehed ta' "store". Huwa maghruf li l-kelma "garage" tista' tikkomprendi mahzen pero' minn dak li jirrizulta bhala trattativi inizjali dwar il-kirja ta' dan il-fond, ma jirrizultax li l-inkwilin Dingli qatt semmew u wrew li l-iskop tal-kirja kien wiehed ta' "store". Il-fatt li dan il-fond ghandu fih ukoll kamra ckejkna f'sular oghla ma jfissirx li kien intiz biex jintuza bhala mahzen. Di fatti l-uzu precedenti tieghu kien x'aktarx minn wiehed mekkanik u x-xhieda ta' l-appellata, kif korroborata mix-xhud Josephine de Maria Casabene, prodotta minnha, ma jhallu ebda dubju dwar il-generu jew uzu tal-fond de quo. L-intromissjoni min-naha tan-nutar

Michael Dingli li hass li kellu jzid il-kelma "store" f'wahda mir-ricevuti – u l-opposizzjoni u reazzjoni immedjata da parti tas-sid – juru b'mod inkonfondibbli kemm il-kirja de quo kienet ta' garaxx ghall-uzu ta' karozza. Il-fatt li l-inkwilini konjugi Dingli kienu joqghodu distanti minn dan il-fond u li ma kellhom l-ebda hsieb li jaghmlu uzu mil-fond biex idahhlu fih vettura mhux bizzejjed biex ixejjen dak li gie miftiehem. L-appellanti xehdu li d-diskors inizjali dwar li huma kienu qeghdin ifittxu post biex jikruh bhala "store ghall-kiri biex tkun tista' tigi mahzuna fih il-merkanzija" inghad mill-appellanti Molly Dingli lill-grupp ta' nisa li kienu jiltaqghu f'"rummy group". L-appellata pero' cahdet li d-diskors kien f'dan is-sens. Sorprendentement, ghalkemm hu dritt taghhom, l-appellanti ma ressqux persuna wahda b'xhud f'dan il-"grupp" li setghet tikkorrobora dak li xehdet l-appellanti Molly Dimech.

12. Fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, il-kostatazzjonijiet maghmulin mill-Bord li Jirregola l-kera kienu gusti u korretti. Veru li jista' jaghti l-kaz li certi kummenti tal-Bord dehru "blunt" pero' jekk wiehed jezaminahom isib li l-Bord ried jadduci motivazzjoni serja in sostenn ta' dak li kien qieghed jiddeciedi dwaru finalment. Mill-bqija dawn il-kummenti ma juru l-ebda pregudizzju kif sottomess mill-appellanti.

13. Illi, fl-ahharnett, stabbilit li l-inkwilini proprja kienu l-appellanti konjugi Dingli u mhux invece binhom, dan jimplika u juri li kienet sehhet

cessjoni ta' kirja ad insaputa tas-sid. Jirrizulta inoltre li posti ntiz biex jintuza bhala "garaxx" biex titqieghed fih vettura nbidel ghal iehor li jintuza bhala mahzen. Tali bidla fid-destinazzjoni tal-fond mikri tista' twassal ghal talba ghall-fini ta' ripresa tal-fond min-naha tas-sid u ghall-izgumbrament ta' l-inkwilin. M'hemmx htiega ta' kawzali ohrajn.

Din il-Qorti tinsab sodisfatta li dak li gie deciz fis-sentenza appellata kien gust u korrett billi l-apprezzament tal-provi akkwiziti maghmul mill-Bord kien floku u jimmerita konferma.

Ghal dawn ir-ragunijiet:-

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-4 ta' Novembru, 2000, fl-ismijiet premessi, tichad l-appell ta' l-intimati appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellanti, b'terminu perentorju ta' ghaxart (10) ijiem zmien mil-lum ghall-fini ta' zgumbrament mill-fond numru 10, Marina Street, Sliema.

Dep/Reg

mm